# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 8**

**Rikors Numru 72/12 AE**

**Joseph Demicoli u Paul Piscopo**
**ghan-nom u in rapprezentanza tal-Koperattiva**
**Ghaqda Koperattiva tas-Sajd**

**v.**

**Angelic Mifsud f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza**
**ta' Lambusa Maritime Company Limited [C-39329]**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2014, fejn l-istess Qorti filwaqt li cahdet il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti[1]:-

> "i) Ikkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu solidalment lill-attrici s-somma ta' sitta u sittin elf erba' mija u hdax-il ewro u sitta u ghoxrin

[1] L-ewwel zewg eccezzjonijiet gew decizi b'sentenza tat-18 ta' Settembru 2012 (fol. 107).

centezmu (€66,411.26) bhala arretrati tal-*operating fee* sat-30 ta' Novembru 2011, bl-imghax[2] skont il-ligi.

"ii) Dwar il-kontijiet tad-dawl iddikjarat li ghall-finijiet ta' din il-kawza l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' sebgha u tletin elf hames mija u disgha u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€37,539.86), flimkien mal-imghax bir-rata imposta mill-ARMS Limited ghall-hlas tardiv.

"iii) Iddikjarat terminat il-ftehim tal-1 ta' Dicembru 2008 minhabba morozita` fil-hlas tal-*operating fee.*

"iv) Ikkundannat lill-konvenuti sabiex fi zmien sittin (60) gurnata jizgumbraw minn gewwa l-fond 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk.

<u>Mertu</u>

2. Jirrizulta pacifiku li l-partijiet iffirmaw ftehim fl-1 ta' Dicembru 2008[3] li bih il-konvenuti nghataw il-fond numru 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk sabiex minnu joperaw negozju ta' importazzjoni u esportazzjoni fl-industrija tal-hut. Il-ftehim kien ghal ghaxar snin, li jiggedded ghal 10 snin ohra.

3. Skont il-ftehim il-konvenuti kellhom ihallsu €36,500 fis-sena bhala *operating fee*, eskluza t-taxxa fuq il-valur mizjud, kif ukoll kellhom ihallsu ghall-konsum ta' dawl u ilma.

4. Fl-odjerni proceduri, l-atturi qed jitolbu l-hlas ta' €148,500 jew

[2]peress li l-obbligazzjoni hi ta' natura kummercjali, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data ta' kull skadenza, pero` fuq l-operating fee biss gialadarba ma ngabitx prova li l-attrici diga` hallset it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.
[3]Fol. 4.

somma ohra verjuri, kwantu ghal tmienja u tmenin elf u hames mitt Ewro (€88,500) jew somma verjuri bilanc dovut mill-konvenuti bhala *operator's fee* u r-rimanenti sittin elf Ewro (€60,000) jew somma verjuri, bilanc ta' kontijiet mhux saldati ghall-provvista tad-dawl u ilma, oltre l-VAT, bl-imghax. Qed jitolbu wkoll ix-xoljiment tal-ftehim *de quo* u l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond in kwistjoni.

5. Il-konvenuti jsostnu, fost affarijiet ohra, li l-hlas pretiz m'huwiex dovut ghaliex meta kien sar il-ftehim, suppost kien hemm il-permessi tal-awtoritajiet kompetenti u licenzji sabiex joperaw, izda whud minn dawn kienu nieqsa. Inoltre il-fond m'huwiex kopert b'polza ta' assikurazzjoni skont il-ftehim u allura kienu l-atturi stess li ma ottemperawx ruhhom mal-ftehim ta' bejniethom.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**<u>Kwistjoni</u>**.
>
> "Il-kaz jitratta dwar kuntratt li l-partijiet iffirmaw fl-1 ta' Dicembru 2008 (fol. 4) u li bih il-konvenuti nghataw il-fond numru 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk sabiex minnu joperaw negozju ta' importazzjoni u esportazzjoni fl-industrija tal-hut. Il-ftehim hu ghal ghaxar snin, li jiggedded ghal 10 snin ohra.
>
> "Skond il-ftehim il-konvenuti kellhom ihallsu:

“(i) €36,500 fis-sena bhala *operating fee*[4], cifra li ma tinkludix it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (ara klawzola 2).
“(ii) ghall-konsum ta’ dawl u ilma (ara klawzola 8).

“Il-konvenuti jsostnu[5] li l-hlas pretiz m’huwiex dovut ghaliex:-

“i. meta sar il-ftehim, suppost kien hemm il-permessi tal-awtoritajiet kompetenti u cioe’ l-MEPA u Trade Department u d-Dipartiment tal-Artijiet. Il-fond lanqas ma kellu permess sabiex fih isir ippakkjar u immaniggar ta’ hut frisk u li jinhareg mid-Dipartiment tas-Sahha u tas-Servvizi Veterinarji.
“ii. il-fond m’huwiex kopert b’polza ta’ assikurazzjoni (ara klawzola 6).
“iii. fir-rigward tad-dawl u ilma, il-meter qieghed jipprovdi servizz lil tlett postijiet differenti. Inoltre, sussidju li ta l-Gvern fl-ammont ta’ €30,000 kellu jigi mputat ghad-dejn dovut mill-konvenuti. Dan ma sarx u minflok thallas *diesel* li xtrat il-Koperattiva.

“**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

“1. B’riferenza ghat-tielet eccezzjoni, il-qorti tosserva li:

“i. F’minuta ta’ laqgha li saret fis-7 ta’ Novembru 2011, il-Kumitat tal-Koperattiva attrici ddecieda li jsir kuntatt mal-avukat biex jittiehdu passi kontra d-debituri (ara fol. 81).
“ii. Skond l-Istatut tal-Koperattiva, Il-President u s-Segretarju ghandhom ir-rapprezentanza gudizzjarja (fol. 118).
“iii. Mill-provi rrizulta li Paul Piscopo hu s-segretarju filwaqt li Joseph Demicoli hu l-President. Il-kawza giet proposta f’isem dawn il-persuni ghan-nom tal-Koperattiva tas-Sajd.

“Fic-cirkostanzi t-tielet eccezzjoni hi bla bazi.

“2. Fil-kuntratt jinghad (klawzola 9):

*“The Cooperative shall be responsible to maintain all **existing licences and permits** at all times throughout the currency of this Agreement, which shall remain in the Cooperative’s name and to the Cooperatives sole benefit”.*

“Mill-provi ma rrizultax x’permessi u licenzji seta’ kien hemm fid-data li gie ffirmat il-kuntratt. Fl-istess klawzola jinghad ukoll:

*“a. the Operator **shall promptly inform the Cooperative of any statutory requirement which may be imposed by any competent authority and which would require the Cooperative to extend,***

[4]Fil-kuntratt il-partijiet hekk irriferew ghaliha.
[5]Ara nota guramentata prezentata fis-27 ta’ April 2012.

***vary or otherwise increase any existing license and/or permit accordingly***".

"Ma jirrizultax li qatt inghata xi avviz f'dan is-sens.

"Fil-fehma tal-qorti l-ghaqal kien jitlob li qabel isir il-ftehim il-konvenuti kellhom jaghmlu l-accertamenti kollha mehtiega sabiex jaccertaw ruhhom dwar il-permessi u licenzji li hemm. Dan iktar u iktar meta jidher li fid-data tal-kuntratt il-konvenuti kienu diga' qeghdin fil-pussess tal-fond bis-sahha ta' ftehim iffirmat fl-1 ta' Jannar 2008 (fol. 187). Inoltre mill-provi ma rrizultax b'certezza x'permessi jew licenzji huma mehtiega sabiex il-konvenuti joperaw in-negozju ta' esportazzjoni u mportazzjoni tal-hut minn gewwa l-fond oggett ta' dawn il-proceduri.

"Il-konvenuti lmentaw ukoll li l-bini minn fejn qeghdin joperaw m'huwiex kopert minn permess tal-bini u li dan wassal biex ma jkunux jistghu japplikaw biex jinghataw ghajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea. Fl-affidavit Angelic Mifsud xehed:

*"Fil-fatt nghid li l-post m'huwiex kopert bil-permessi kollha neccessarji tal-MEPA u kien inhareg enforcement notice u kien tqabbad perit minn Publius Falzon sabiex japplika mal-MEPA sabiex isiru xi alteration works fil-proprjeta tal-koperattiva"* (fol. 176).

"Mal-affidavit ipprezenta Dok. AM9 (fol. 209) li hu avviz tal-applikazzjoni li saret mal-MEPA (numru 3917/09) ghal *"Alterations to existing and sanctioning extension at roof level stairhood works"*. Fil-parti ta' fuq hemm notament, li l-qorti tifhem li sar mill-konvenut, li jaqra: *"Kopja tal-permess li ma ghandix"*. Madankollu l-attrici pprezentat decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Settembru 2012 (fol. 153) fir-rigward ta' PA3917/09, fejn inghatat decizjoni li l-permess ta' zvilupp kellu jinhareg.

"F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

"i. M'hemmx prova li l-bini nbena illegalment.

"ii. M'hemmx l-ahjar prova li l-konvenuti applikaw biex jinghataw ghajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea u din giet rifjutata minhabba li l-bini nbena llegalment. Ghalkemm il-konvenut xehed: *"Anzi konna applikajna u din kelli refusal minhabba problema tal-bini meta qaluli tal-koperattiva li l-unika problema li hemm fil-bini kienet tromba"* (fol. 312), din ma tistax titqies bhala l-ahjar prova.

"Il-konvenuti ghamlu riferenza ghal affidavit ta' George Bugeja li kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Koperattiva. Sahansitra hu kien wiehed mill-firmatarji tal-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008. Fl-affidavit qal li meta sar il-ftehim kienu sehhew irregolaritajiet

ghaliex:

"*"…. Ma kienx kopert mill-permessi mehtiega u dan bi ksur ta' l-istess regolamenti li hemm fil-kuntratt"* (fol. 77).

"Il-qorti tosserva:-

"i. Bugeja ma qalx x'inhuma l-permessi. Dan apparti li fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013 xehed: *"Lili qatt ma kellimni dwar permessi Mr Mifsud"* (fol. 337).

"ii. Ma tifhimx kif jista' jghid dak li qal meta kien hu li ffirmat il-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008.

"iii. Jekk is-sitwazzjoni kienet kif iddeskriviha fl-affidavit, ma tifhimx kif talab lil Mifsud biex ihallas l-arretrati tal-operating fee (fol. 338).

"Il-qorti ma tistax tistrieh fuq l-affidavit ta' Carmelo Bugeja. Irrizulta b'mod evidenti li hemm dizgwid bejnu u l-membri tal-Kumitat tal-Koperattiva u ma tqiesx li li l-verzjoni moghtija fl-affidavit hi affidabbli.

"3. Il-fond in kwistjoni hu proprjeta tal-Gvern u mikri ghand l-attrici. Mill-provi rrizulta li l-Gvern qatt ma ntalab jaghti l-kunsens tieghu ghall-kuntratt li ffirmaw il-kontendenti. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-kirja li ghandha l-attrici hi li:-

*"16. Il-kerrej ma jistax icedi din il-kirja jew jissulloka l-fond, sew kollu kemm hu jew bicca minnu jew jidhol fi shubija dwar il-fond"* (fol. 322).

"Il-qorti temmen li qabel il-kontendenti ffirmaw il-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008, il-konvenuti kienu jafu li l-fond hu proprjeta tal-Gvern[6], li l-attrici tikri l-fond u li tezisti klawzola 16. Il-qorti temmen li din kienet proprju r-raguni ghalfejn il-partijiet iddeskrivew il-ftehim bhala *Operation Agreement*.

"F'kull kaz kien fl-istadju qabel l-iffirmar tal-kuntratt li l-konvenuti messhom ghamlu l-accertamenti dwar jekk l-attrici setatx taghmel il-kuntratt li ffirmaw fl-1 ta' Dicembru 2008. Jibqa' 'l fatt ukoll li sal-lum m'hemmx prova li l-Gvern ha xi passi kontra l-kontendenti jew xi hadd minnhom.

"4. Ghal dak li jikkoncerna l-assikurazzjoni, fil-kuntratt jinghad:

*"The Cooperative declares that, in accordance with the relevant provisions of the original agreement, it is **obliged to insure the Premises under an all-risks policy**, for a value of two hundred forty thousand Euros (€240,000), in such a way that nothing may ever happen so as to prejudice the rights of the owner of the Premises, as*

[6]Fi klawzola 16 tal-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008 jinghad li l-fond m'huwiex proprjeta` tal-attrici.

*well as to keep a public liability insurance*.

*The Cooperative shall be responsible to maintain the above insurance policies, at all times throught the currency of this Agreement, which policies shall remain in the Cooperative's name and* ***<u>to the Cooperative's sole benefit</u>***".

"Ma saritx prova li l-polza nharget. Jidher li l-polza kellha tinhareg biex tassikura l-bini. B'hekk jekk tigri xi hsara fil-bini, is-sid (il-Gvern) ikun kopert ghall-hsara li ssir. Inoltre jinghad li l-polza kienet biss ghall-beneficcju tal-attrici. Ghalhekk ma jidhirx li l-konvenuti jistghu jiehdu xi beneficcju mill-fatt li l-polza ma saritx. Dan apparti li wkoll jekk il-konvenuti kellhom jiehdu xi beneficcju minn tali polza, 'il fatt li ma saritx ma jfissirx li jatihom id-dritt ma jhallsux l-*operating fee*, izda semmai:-

"(a) Li johorgu polza f'isimhom u jitolbu l-ispejjez minghand l-attrici; u

"(b) F'kaz ta' telf iharrku lill-attrici ghad-danni minhabba inadempjenza kuntrattwali;

"5. Hu evidenti li l-konvenuti baqghu joperaw in-negozju bla xkiel, u sahansitra fethu wkoll hanut. Jidher li l-intenzjoni tal-konvenuti hi li jibqghu igawdu l-fond tant hu hekk li ma pproponewx proceduri gudizzjarji sabiex jinhall il-ftehim minhabba l-allegat inadempjenza tal-attrici. Atteggament li l-qorti ma tarax li hu kompatibbli mal-ilmenti taghhom. Ghalkemm il-konvenuti jistghu jirragunaw li gialadarba ghamlu investiment konsiderevoli ghandhom jibqghu fil-pussess tal-fond biex jirkupraw il-kapital li hargu, madankollu m'ghandux ikun li persuna tibqa' tgawdi l-fond u tiehu l-frott minnu u fl-istess hin ma thallasx ghall-uzu tieghu. Il-konvenuti ccitaw mis-sentenza li nghata fil-kaz **Carmelo Cremona vs Victor Angilieri** tal-11 ta' Ottubru 1966, fejn inghad li biex tirnexxi eccezzjoni ta' *inademplenti contractus*, irid fost'affarijiet ohra jkun hemm ***"…proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet"***. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss, l-ilmenti tal-konvenuti huma minnhom, il-qorti ma tistax tiskarta l-fatt li ghadhom igawdu l-fond u jopera n-negozju bla xkiel. Sahansitra fethu hanut, liema destinazzjoni ma tissemmiex fil-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008. 'Il fatt li l-konvenuti ghadhom igawdu l-fond jfisser li qeghdin jircievu l-prestazzjoni min-naha tal-attrici, u m'ghandhomx dritt li minn jeddhom iwaqqfu ghal kollox milli jwettqu l-obbligu principali taghhom, dik li jhallsu l-*operating fee*. Dan hu l-korrispettiv talli qeghdin jaghmlu uzu mill-fond. F'tali cirkostanzi l-qorti tara nuqqas ta' proporzjonalita bejn iz-zewg sitwazzjonijiet. Ovvjament il-posizzjoni kienet tkun ferm differenti li kieku l-konvenuti twaqqfu milli jkomplu joperaw in-negozju.

"F'dan ir-rigward il-qorti tosserva wkoll li:-

"(a) Mill-provi lanqas ma rrizulta li l-konvenuti ddepozitaw l-*operating fee* fil-qorti;

"(b) Mir-rendikont imhejji mill-konvenuti u li nghata lill-awditur Turner (fol. 434), jirrizulta kemm il-konvenuti jafu li l-*operating fee* hi dovuta. Tant hu hekk li s-somma ta' €30,880.98 inkludewha bhala hlas akkont tal-*operating fee*.

"6. Kemm fl-affidavit tal-konvenut u n-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuti qalu li Angelic Mifsud personalment ma kienx parti ghall-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008. Il-qorti tosserva li:-

"i. Angelic Mifsud ma ressaqx eccezzjoni li m'huwiex il-legittimu kontradittur;

"ii. Fil-kuntratt jinghad li Angelic Mifusd qieghed jidher: *"…. **in his personal capacity** and/or as an authorized representative of Lambusa Maritime Company Limited, hereinafter referred to as the Operator"*. Fl-affidavit xehed: *"Dan l-ahhar indunajt li fl-iskrittura li dwarha saret din il-kawza u cioe' fuq it-tieni ftehim, **jien qed nidher ukoll personalment**. Dan hu zball ghax jien dejjem innegozjajt f'isem il-kumpannija Lambusa Maritime Company Limited u qatt f'ismi personali"* (fol. 173). Mela l-konvenut jaccetta li fil-kuntratt qieghed jidher f'ismu personali. Dak li jinghad fil-kuntratt jorbot irrispettivament ta' x'seta' haseb il-konvenut.

"7. B'riferenza ghall-pretensjoni dwar konsum ta' dawl u ilma, l-attrici pprezentat kopja tal-kontijiet tad-dawl u ilma li taghhom tippretendi l-hlas (ara nota tas-17 ta' Frar 2012 a fol. 16). Kontijiet li jirreferu ghall-kont numru: **101000145837** registrat f'isem il-Koperattiva. Skond avviz datat 23 ta' Gunju 2011 (fol. 17), is-servizz gie sospiz[7]. Fl-avviz jinghad li l-hlas dovut hu ta' **€68,708.53**. Fir-rikors guramentat l-attrici qeghda tippretendi l-hlas ta' €60,000. Id-dokumenti li pprezentat jinkludu kont ghal €30,880.98 datat 7 ta' Lulju 2009 (fol. 18) u ftehim li ghamel il-konvenut mal-Arms Limited fl-24 ta' Mejju 2010 sabiex ihallas is-somma ta' €31,192.98 (fol. 19)[8]. Il-konvenut xehed:

*"Nista' nikkonferma illi jien hallast, waqt dawn il-proceduri, kontijiet relatati mal-konsum ta' dawl u ilma fl-ammont komplessiv ta' disgha u hamsin elf u mitejn ewro (€59,200) li minnhom kien hemm sebgha u erbghin elf u mitejn ewro (€47,200) li jkopru l-perjodu mis-6 ta' Gunju 2013 sal-5 ta' Marzu 2014. Inzid ukoll li kien hemm is-somma ta' tnax-il elf ewro (12,000) fejn jien inghatajt*

[7]Paul Piscopo, segretarju tal-Koperattiva, xehed: *"Sahansitra qattawlna d-dawl. L-iskrivan, qed ikollu jew jigi d-dar tieghi jew imur ghand ommu biex jibghat l-emails"* (fol. 345).

[8]F'dan ir-rigward ara *statement of account* mahrug minn ARMS Limited (fol. 62-68).

*temporary receipt mill-ARMS Limited. Dan il-hlas jiena ghamiltu sabiex b'hekk jiena stajt ninghata lura s-servizz tad-dawl u l-ilma"* (seduta tat-12 ta' Marzu 2014).

"Mill-provi rrizulta li l-Koperativa talbet lill-Gvern biex ighinha finanzjarment fir-rigward tal-konsum tal-elettriku. F'ittra bla data mibghuta mill-attrici[9] lis-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tar-Rizorsi Rurali jinghad li kien hemm anomalija bejn l-attrici u l-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd ghaliex tal-ahhar kienet qeghda tiehu beneficcju minn sussidji fuq il-konsum tal-elettriku. Fl-ittra nghad ukoll:-

*"…. nitolbok tikkunsidra tikkoncedi l-istess beneficcju lilna u dan sabiex b'hekk titnehha l-anomalija ezistenti u nkunu qeghdin nigu trattati fuq l-istess binarju"* (fol. 301).

"Jirrizulta li t-talba ntlaqghet u l-Gvern hallas lill-attrici s-somma ta' €30,880.98 (ara *Remittance Advice* datata l-1 ta' Marzu 2010, fol. 356). Hu evidenti li l-attrici ma uzatx il-flus biex jithallsu l-kontijiet ghal xi haga' ohra. Jirrizulta li fir-rigward ta' parti mis-somma tat kreditu lill-konvenuti (somma ta' €13,708) ghal dak li jikkoncerna hlas ta' *operation fee*. F'dan ir-rigward issir riferenza ghad-deposizzjoni ta' Arthur Turner (seduta tal-21 ta' Mejju 2014) u rendikont li pprezenta (fol. 433). Min-naha tal-konvenuti l-hlas li sar mill-Gvern nizzluh kollu bhala pagament ghal *operation fee*, qiesu ghamluh huma[10]. Ghall-qorti dan juri li bejn il-kontendenti kien hemm ftehim li l-hlas li nghata mill-Gvern jigi kreditat favur il-konvenuti fir-rigward tal-*operation fee*. Id-diskrepanza hi fir-rigward ta' €17,173 li Turner qal li tirreferi ghall-bejgh ta' lixka mill-Koperattiva lil Lambusa, li dwarha qatt ma nghata kopja tal-invoice. Min-naha ta' Lambusa ssostni li l-prezz kien ta' €14,000 (ara rendikont fol. 435). M'hemmx prova meta sar dan il-bejgh. Fic-cirkostanzi billi jidher li meta l-Gvern hallas lill-attrici s-somma ta' €30,880.98 kien sar ftehim bejn il-kontendenti li l-konvenuti jinghataw kreditu, il-qorti tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilita' l-ftehim kien li s-somma kollha kellha tigi kkreditata fuq l-ammont dovut bhala *operating fee*.

"Minn dokumenti li pprezenta Arthur Turner waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2014, irrizulta li sat-3 ta' Dicembru 2013 il-bilanc dovut fuq il-kont tad-dawl fuq imsemmi kien ta' €59,733.18[11]. Raymond Bonnici, ufficjal tal-ARMS Limited ipprezenta dokument li minnu jirrizulta li fil-perjodu 6 ta' Gunju 2013 sas-27 ta' Jannar 2014 saru hlasijiet b'total ta' **€36,700**. Pagamenti li dwarhom Mifsud ipprezenta ricevuta.

[9]Il-firmatarju hu Paul Piscopo, Segretarju.
[10]Ara rendikont a fol. 434 li Turner qal li nghata lilu mill-konvenut.
[11]Dokumenti li nghata minn Arms Limited (ara fol. 406-408).

Pero' hemm zewg ricevuti ta' hlas b'total ta' €5,500 (€3,500 + €2,000) li ma jidhrux fir-rendikont li pprezenta x-xhud Bonnici. Materja li l-konvenut irid jitratta mal-Arms Limited. Mir-rendikont tal-ARMS (fol. 404 *et seq*), jirrizulta li l-hlasijiet jigu imputati ghad-dejn l-iktar antik. Sal-gurnata li giet prezentata l-kawza (23 ta' Jannar 2012) kienet dovuta s-somma ta' €74,239.86 (fol. 406). Minn dan it-taghrif jirrizulta ghalhekk li fadal bilanc ta' **seba' u tletin elf hames mija u disgha u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€37,539.86)**. Bilanc li l-attrici ghadha responsabbli ghalih gialadarba s-servizz registrat f'isimha.

"Fl-eccezzjonijiet il-konvenuti argumentaw li l-attrici trid taghti prova li hallset il-kontijiet tad-dawl u ilma. Il-qorti ma taqbilx. M'hemmx dubju li s-somma ta' €37,539 hu dejn tal-Koperattiva u ghalhekk jifforma parti mill-patrimonju taghha. L-attrici ghandha kull dritt tirkupra l-hlas minghand il-konvenuti sabiex tkun tista' thallas id-dejn li ghandha mal-ARMS Limited.

"8. Skond ir-rikors guramentat il-hlas pretiz mill-attrici bhala *operating fee* hu ta' €88,500 u Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ta' 18%. Hu evidenti li l-pretensjoni tal-attrici tirreferi ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 2008[12] sat-30 ta' Novembru 2011[13] = €109,500 - €21,000[14] = **€88,500[15]**.

"Il-konvenut xehed:-

*"Ma nichadx li ghandi naghti lill-Koperattiva ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-operating fee imma huma ghandhom jaghtuna tas-shipping agency, tax-xoghol tal-packing li ghamlu minn gewwa l-impjant tieghi. Ghamiltilhom ufficcju bi tmint elef ewro. Dan rieduh lura. Xtrajtilhom kontejner tal-erbghin, sitt elef Liri Maltin. Ghadhom ma hallsuniex. Irrangajtilhom il-freezers."* (seduta tat-3 ta' Mejju 2013, fol. 314);

*"Nikkonferma li jiena dawn l-ahhar sentejn m'ghamilt ebda hlas abbazi tas-service agreement ghaliex jien ghandi niehu minghand l-Ghaqda. Nikkonferma li jien ghadni nopera minn gewwa l-post numru 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk"* (seduta tal-21 ta' Mejju 2014, fol. 445).

"Meqjus dak li nghad f'paragrafu 7 tas-sentenza u r-rendikont li l-attrici tat lill-awditur fejn hemm spjegat il-hlas ta' *operation fee*

---

[12] Ara klawzola 1 tal-ftehim.
[13] Fit-23 ta' Jannar 2012 ipprezentaw ir-rikors guramentat.
[14] Hlas li l-attrici qalet li sar mill-konvenuta.
[15] F'paragrafu 3 tar-rikors guramentat ippremettiet: *"Illi l-konvenuti, salv ghall-pagament ta' wiehed u ghoxrin elf ewro (21,000], eskluz it-taxxa fuq il-valur mizjud ta' tmintax fil-mija [18%], kienu moruzi fil-hlas ta' l-operator's fee u ghalhekk huma debituri fil-konfront ta' l-atturi fl-ammont ta' tmienja u tmenin elf u hames mitt ewro [88,500]…"*.

dovut sal-1 ta' Mejju 2011 (fol. 433)[16], il-hlas dovut bhala *operation fee* hu ta': **€44,876.24** sal-ahhar ta' Mejju 2011[17]. Imbaghad hemm l-*operation fee* ghall-perjodu minn Gunju 2011 sa Novembru 2011, fl-ammont ta' **€21,535.02** (€3,589.27 kull xahar li tinkludi fiha l-VAT). It-total hu ta' **€66,411.26**.

"Ghalkemm fir-rendikont li l-konvenuti taw lill-awditur tal-attrici (fol. 434) jinghad li fit-18 ta' Lulju 2009 sar pagament ta' €9,000 permezz ta' cekk, baqghu ma tawx prova tieghu. Ghalhekk dan m'huwiex jigi mizjud mal-pagamenti li ghamlu l-konvenuti. Mifsud qal ukoll li kellu ftehim verbali li l-*operating fee* ma tithallasx ghall-ewwel tlett xhur (fol. 178[18]). Il-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008 ma fih l-ebda klawzola f'dan is-sens; *contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur*.

"9. Fl-affidavit Angelic Mifsud qal ukoll li huma kredituri tal-attrici. Pero' kif osservat l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuti ma pproponewx rikonvenzjoni. Kien biss f'rikonvenjoni li l-qorti setghet titratta u tiddeciedi dwar pretensjonijiet ghall-hlas li ghandhom il-konvenuti fil-konfront tal-attrici.

"10. Skond klawzola 15 tal-kuntratt l-attrici ghandha l-jedd li tittermina l-ftehim:

*"a. if the Operator is in arrears of payment of the monthly operating fee, or any part thereof, and remains so in default for a period of three (3) months from due date"*.

"Dan m'huwiex kaz ta' rizoluzzjoni minhabba li hemm kondizzjoni rizoluttiva tacita. It-tieni talba tal-attrici hi bazata fuq dak li jinghad fi klawzola 15(a) tal-kuntratt.

"Hu evidenti li l-konvenuti huma moruzi fil-hlas ta' iktar minn tlett xhur *operating fee*. Jidher ghalhekk li fit-termini tal-ftehim l-attrici ghandha dritt li tittermina l-ftehim; *pacta sunt servanda*.

---

[16] Il-kalkoli li ghamlet il-qorti huma bazati fuq ir-rendikont li l-attrici tat lill-awditur u mhux dak li ddikjarat fir-rikors guramentat, ghaliex il-qorti temmen li r-rendikont jaghti l-istampa vera tal-posizzjoni tal-attrici.

[17] Skond rendikont s-somma ta' €62,049.22 kienet dovut sa Mejju 2011 (fol. 433). In vista li l-qorti kkonkludiet li l-pagament ta' €30,880.98 li l-attrici rceviet minghand il-Gvern kellu jigi kkreditat favur il-konvenuti ghal finijiet tal-*operation fee*, il-bilanc dovut sa Mejju 2011 hu ta' €44,876.24 (€62,049.22 - €17,172.98).

[18] *"Sar ftehim verbali mal-Koperattiva sabiex waqt li kont qed naghmel dawn ix-xogholijiet fil-post, ghal 3 xhur Lambusa ma kelliex thallas kirja lill-Koperattiva"*.

L-Appell

7. Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza appellata u interponew dan l-appell permezz ta' rikors datat 1 ta' Dicembru 2014. Fil-qosor l-aggravji taghhom jistghu jigu sintesizzati hekk:

[1] li kienet il-Kooperattiva attrici li kienet l-ewwel inadempjenti u mhux is-socjeta` konvenuta Lambus Maritime Company Limited [Lambus], stante li, ghalkemm il-Kooperattiva kellha tipprovdi fond attrezzat bil-permessi kollha necessarji u kopert b'polza ta' assikurazzjoni, dan ma giex ipprovdut. Fid-dawl ta' dawn il-fatti allegati l-konvenuti issollevaw l-eccezzjoni *inademplenti non est ademplendum*.

[2] li jezistu ragunijiet serji sabiex din il-Qorti terga' taghrbel il-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti u dan stante illi jekk il-provi jigu leggerment skartati, tigi kreata ingustizzja manifesta. Inoltre L-ewwel Qorti ghazlet li temmen uhud mill-membri tal-Kooperattiva u mhux ohrajn, minghajr ma tat raguni. L-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi mressqa quddiemha u kien hemm provi bizzejjed sabiex tasal ghall-konkluzjoni li tacceta bhala veritiera l-verzjoni tal-konvenuti.

[3] L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta iddecidiet li ghad hemm dejn x'jithallas minn Lambusa rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma. Kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell il-kontijiet antiki huma kollha mhallsa u Lambusa hallset is-somma ta' €71,200 biex b'hekk baqa' biss kontijiet ricenti.

[4] Gie ppruvat li kienet tezisti kawza illlecita u ghalhekk l-

ewwel Qorti kellha l-obbligu u s-setgha li tqajjimha minn rajha, gialadarba l-Kooperattiva marret kontra l-ftehim li ghandha mal-Gvern.

[5] L-ewwel Qorti semmiet il-fatt li Lambusa baqghet tahdem mill-fond in kwistjoni bhala wahda mir-ragunijiet li fuqhom ibbazat il-konkluzjonijiet taghha, izda dan ma jfissirx li l-kooperattiva ikkonsenjat il-fond bil-mod u fl-istat li kienet obbligata taghmel.

[6] Huma kellhom dritt iqajjmu l-eccezzjonijiet kif sottomessi minkejja li ma ghamlux kontro-talba.

[7] Li s-sentenza ma ssemmi xejn dwar l-eccezzjoni taghhom *'ratione materiae',* skont klawsola 18 tal-ftehim ta' bejn il-partijiet fejn jinghad li l-partijiet kellhom imorru ghall-arbitragg.

8. Flimkien mal-imsemmi rikors tal-appell, il-konvenuti appellanti ipprezentaw dokumenti in sostenn tas-sottomissjoni taghhom li l-kontijiet antiki kienu kollha mhallsa. Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru 2015, l-atturi talbu l-isfilz ta' dawn id-dokumenti.

9. Fir-risposta taghhom ipprezentata fil-21 ta' Jannar 2015, l-atturi appellati jsostnu li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u ghandha tigi konfermata bl-ispejjez a karigu tal-appellant. Fil-qasir, wiegbu hekk ghall-appell tal-konvenuti:

[a] Li huma jaqblu *in toto* mar-ragunament tal-ewwel Qorti li hu

ibbazat fuq fatti li irrizultaw mill-atti stess kif indikati minnha. Jikkwotaw pero` paragrafu mis-sentenza appellata dwar il-fatt li l-konvenuti ma ghamlu xejn sabiex jinhall il-ftehim minhabba l-allegat inadempjenza tal-atturi, mhux hekk biss, imma baqghu joperaw in-negozju bla xkiel.

[b] Jissenjalaw li meta tinghata l-eccezzjoni *inadimplenti non est adimplendum*, jehtieg li jkun hemm rabta bejn iz-zewg obligazzjonijiet imnissla mill-istess rapport sinillagmatiku, u jkun hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-kreditur ikun mixli u dik minn naha tad-debitur. Fuq kollox in-nuqqas irid ikun ta' certu gravita`. Fil-meritu jissottomettu li, filwaqt li l-appellanti naqsu milli jaghmlu l-pagamenti dovuti u jhallsu l-kontijiet taghhom, fl-istess hin baqghu joperaw mill-istess fond u jkomplu bin-negozju taghhom.

[c] Dwar l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni mertu tal-kawza hija wahda llecita, l-atturi jghidu li din l-eccezzjoni ma gietx sollevata mill-konvenuti u ghalkemm setghet titqajjem mill-Qorti *ex ufficio,* dan l-ilment ma jirrizultax provat. Jikkwotaw gurisprudenza nostrana sabiex isostnu illi l-Qorti ghandha tillimita ruhha fil-limiti tal-parametri tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet, u ghalhekk kwalsiasi eccezzjoni li l-appellant qajjem fir-rikors tal-appell u li ma giex trattat quddiem l-ewwel Qorti ghandha tigi skartata.

[d] Dwar id-dokumenti godda epprezentati mar-rikors tal-appell, l-atturi jghidu li dawn setghu facilment gew esebiti quddiem l-ewwel Qorti u ghaldaqstant qed jitolbu li din il-Qorti tiskartahom jew adirittura tordna l-isfilz taghhom.

[e] Dwar il-kwistjoni tal-ispejjez, jghidu li l-ispejjez kollha tal-

kawza jew almenu tal-appell li fil-fehema taghhom jirranzenta l-fieragh, ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-ewwel, il-hames u s-sitt aggravju*

10. Il-konvenuti jressqu bhala lanjanza principali taghhom il-fatt illi kienet il-Kooperattiva stess illi naqset mill-obbligi taghha naxxenti mill-ftehim in kwistjoni billi l-fond ma kienx adebit bil-permessi necessarji u ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni, b'dan illi jinvokaw l-eccezzjoni *inademplenti non est ademplendum.*

11. In tema legali jigi osservat dwar din l-eccezzjoni li jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria:

> "Din l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine hija l-hekk imsejħa exceptio inadempleti contractus. Gie spjegat f'dan ir-rigward illi "Per exceptio inadempleti contractus si intende, come dice il termine stesso, un'eccezione che il debitore (in base a contratto bilaterale) che venga convenuto dalla contraparte per l'esecuzione della sua propria obbligazione, puo' opporre, se la contraparte che agisce contro di lui, non abbia, essa stessa, adempiuto, o non sia pronta ad adempiere". *[Giovanni Pacchione: Diritto Civile Italiano – Diritto Delle Obbligazioni, citat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni* superjuri taghha fil-kaz fl-ismijiet *Nazzareno Vassallo et vs Dr.Michael Caruana et,* deciza 20 Gunju 2008]
>
> "[dan il-principju] … … … huwa bazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu di fronte ghall-kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruhu fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma'

ohra. *[Celestino Muscat -vs- Giovanni Attard et", Appell Civili, 3 ta' Gunju 1938 (Kollez. Vol. XXX P I p 155)" App.Inf. [PS] AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello, deciz fl-10 ta' Ottubru 2005] [Ara wkoll App.S 57/07 Intercomp Limited vs Boris Arcidiacono, 27 Frar 2015*.

"… … … meta tingħata l-eccezzjoni 'inadempleti non est adimplendum' jista' jkun hemm rabta bejn iż-żewg obbligazzjonijiet imnissla mill-istess rapport sinillagmatiku. Jeħtieg li jkun hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-kreditur ikun mixli u dik rifjutata mid-debitur. Fuq kollox in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni irid ikun ta' certa gravita`. Meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunx sostanzjali, l- appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb għan-nuqqas jew jaccetta t-tnaqqis f'dak li jistħoqlu li jitħallas. F'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur jista' jagħzel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq ukoll kontra r-rieda tad-debitur jew inkella jitlob li jitħallas għad-danni li jkun garrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq." *[PA Alexander Bonello noe vs Phoenix Co.Ltd deciza 25 Settembru 2003]*

"Hekk ukoll gie ribadit illi:

"Ir-rekwisiti tal-eccezzjoni '*inadimpleti non est* adimplendum' huma tlieta: (i) l-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tiegħu trid tkun parti integrali mill-ftehim; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (iii) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenza tal-partijiet u cioe` li n-nuqqas tal-attur relattivament għall-prestazzjonijiet li huwa jesigi mill-konvenut tkun ta' certa gravita`. *[App. S Engineering Services Ltd v. Reuter Malta Ltd. 20 Ottubru 2003]*.

12. Din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-istharrig dettaljat maghmul mill-ewwel Qorti in materja, izzid is-segwenti konsiderazzjonijiet.

13. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-konvenuti jsostnu li huma ghamlu xi meljoramenti fil-fond u xi spejjez ohra li skont huma ma thallsux taghhom, dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-obbligu taghhom li jhallsu l-*operation fee* u l-kontijiet tad-dawl u ilma fit-termini tal-ftehim tal-1 ta' Jannar 2008. Huma kellhom jiddeducu il-krediti pretizi minnhom jew permezz ta' kontro-talba jew f'gudizzju separat.

14. Kif irrilevat tajjeb l-ewwel Qorti jirrizulta li, minkejja l-allegati nuqqasijiet tal-atturi, il-konvenuti fl-ebda hin ma pproponew azzjoni ghall-adempjiment da parti tal-atturi ma' l-obbligi taghhom, jew adirittura ghax-xoljiment tal-ftehim ta' bejniethom. Ghall-kuntrarju, il-konvenuti kienu komdi u baqghu joperaw minghajr xkiel, tant li fethu wkoll hanut biex estendew n-negozju taghhom. Dan juri, li l-allegati nuqqasijiet tal-atturi ma kienux ta' gravita` tali li tirrendi opportuna l-applikazzjoni tal-principju tal-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' ohra[19]. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, ladarba, minkejja l-ilment taghhom, il-konvenuti baqghu joperaw u jaghmlu uzu mill-fond *de quo* ai termini tal-ftehim fuq indikat huma ghandhom l-obbligu li jhallsu ghal dak l-uzu tieghu bil-korrispettiv mifthiem ta' *operation fee*.

15. Dwar is-sitt aggravju fejn il-konvenuti jilmentaw li l-Qorti ma qisitx l-eccezzjoni taghhom ghax ma ghamlux kontrotalba din il-Qorti tosserva illi ghalkemm huwa minnu li tpacija ssehh ipso iure madankollu dan jghodd biss meta d-djun pacuti jkunu likwidi. Fil-kaz ta' llum la darba l-pretensjoni tal-konvenuti dwar miljoramenti fil-fond ma hix likwida, il-likwidazzjoni setghet issir biss wara talba ad hoc u ghalhekk it-tpacija ma tistax issir.

[19]Supra.

16. Rigward il-hames aggravju, din il-Qorti tosserva li jekk huwa minnu dak allegat mill-konvenuti li l-atturi ma kienux ikkonsenjaw il-fond bil-mod u fl-istat li kienu obbligati li jaghmlu, allura kien jinkombi fuqhom li jaghmlu l-ilmenti taghhom fir-rigward tempestivament wara l-iffirmar tal-ftehim u jipprovaw dak allegat minnhom, imma mhuwiex legalment konsentit li dawn ikomplu juzaw il-fond u minn rajhom jonqsu mill-obbligu taghhom li jhallsu l-*operation fee*.

17. Ghal dak li jirrigwardja l-permessi u l-licenzji mehtiega, jigi osservat li l-konvenuti ma gabux prova preciza ta' x'licenzji u/jew permessi kienu nieqsa. L-istess jinghad dwar il-polza ta' assikurazzjoni. Ma ngabet ebda prova li l-konvenuti harguha huma a spejjez taghhom, f'liema kaz huma jkollhom id-dritt ta' rivalsa ghal kwalsiasi spejjez li setghu inkorrew b'nuqqas tal-atturi. Din il-konsiderazzjoni tassumi aktar qawwa fid-dawl tal-fatt illi l-konvenuti kienu ilhom fil-pussess tal-fond in kwistjoni zmien qabel l-iffirmar tal-ftehim in kwistjoni. Di fatti jirrizulta li l-ewwel ftehim kien sar fit-12 ta' Ottubru 2007[20]. Ghalhekk il-konvenuti kellhom zmien u opportunita` bizzejjed sabiex jaghmlu l-accertamenti taghhom. Apparti minn hekk, kif jirrizulta mill-istess ftehim, il-polza tal-assikurazzjoni kienet *"to the Corporation's sole benefit"*.

18. Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma infondati u qed jigu michuda.

[20]Aff.Angelic Mifsud – Fol. 173.

*It-tieni u it-tielet aggravju*

19. Fis-sustanza dawn l-aggravji huma fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u, minghajr raguni, ghazlet li temmen uhud mill-membri tal-Kooperattiva u mhux ohrajn.

20. In tema legali huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet rigwardanti l-materja tal-prova.

21. Fl-ewwel lok jigi ribadit li l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim'istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji jew ghax l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha [App. Civ. **Emanuel Cardona et v. Dr Graham Busuttil**, deciz 10 Jannar 1955].

22. Dan ma jsirx *"sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed li jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta".* [App. Superjuri **Paul Formosa v. Salvu Debono**, deciz 5 Ottubru 2001;

App. **Moviment Azzjoni Socjali v. Noel Borg**, deciz 18 Lulju 2014].

23. Fit-tieni lok, huwa ritenut fil-gurisprudenza nostrana li "*l-grad ta' prova rikjest fil kamp civili, b'differenza mill-kamp kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibbilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita` civili*". [Prim'Awla **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo**, deciz 28 ta' April, 2004].

24. Ghalhekk minkejja provi kontrastanti li jista' jkollha quddiemha l-Qorti, ghandu jsir ezami tal-istess provi bil-ghan li jigi determinat jekk abbazi tal-verosimiljanza u fuq bilanc ta' probabbilitajiet, ghandhiex tigi accettata bhala veritiera verzjoni ta' parti jew ohra, jew jekk il-konflitt fil-provi humiex tali li ma jistax iwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

25. Fil-meritu din il-Qorti tosserva illi mhuwiex minnu dak allegat mill-konvenuti li l-ewwel Qorti ghazlet li temmen uhud mill-membri tal-Kooperattiva u mhux ohrajn minghajr ma spjegat ir-raguni ghal dan. Jigi prezunt, ghaliex l-appellanti lanqas ma jispecifikaw ghal liema xhieda qeghdin jitkellmu, illi b'din il-lanjanza qed jirreferu ghall-fatt li l-ewwel Qorti qieset gust u opportun illi ma tistriehx fuq l-affidavit ta' Carmelo

Bugeja, li fiz-zmien tal-iffirmar tal-ftehim ta' bejn il-partijiet kien President tal-Assocjazzjoni u ghalhekk firmatarju fuq l-istess ftehim. Jidher pero` li l-konvenuti naqsu milli jaqraw bir-reqqa s-sentenza minnhom appellata ghaliex l-ewwel Qorti kienet cara dwar ir-raguni ghaliex ghazlet li ma tistriehx fuq l-affidavit tal-imsemmi xhud:

> "Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq l-affidavit ta' Carmelo Bugeja. Irrizulta b'mod evidenti li hemm dizgwid bejnu u l-membri tal-Kumitat tal-Koperattiva u ma tqiesx li l-verzjoni moghtija fl-affidavit hi affidabbli."[21]
>
> "Il-Qorti tosserva:-
>
> "[i]. Bugeja ma qalx x'inhuma l-permessi. Dan apparti li fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013 xehed: "Lili qatt ma kellimni dwar permessi Mr Mifsud" (fol. 337). [ii]. Ma tifhimx kif jista' jghid dak li qal meta kien hu li ffirma l-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008. [iii]. Jekk is-sitwazzjoni kienet kif iddeskriviha fl-affidavit, ma tifhimx kif talab lil Mifsud biex ihallas l-arretrati tal-*operating fee* (fol. 338)."[22]

26. L-ewwel Qorti ma setghetx tkun iktar cara minn hekk. Ma hemm ebda konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li ma hijiex motivata u li ma ghandhiex sostenn fil-provi.

27. Rigward il-kontijiet tad-dawl u ilma din il-Qorti tosserva li mar-rikors tal-appell taghhom il-konvenuti ipprezentaw numru ta' ricevuti li lanqas biss indenjaw ruhhom ipoggu f'ordni kronologiku, bla ma taw spjegazzjoni ghal liema raguni qeghdin jigu ipprezentati fl-istadju tal-appell meta mid-dati indikati fuqhom jidher li dawn setghu facilment gew prezentati quddiem l-ewwel Qorti. Lanqas ma jispjegaw sewwa xi jridu

---

[21]Pg 6 tas-sentenza.
[22]Ibid.

jfissru abbazi tal-istess dokumenti, jekk hux dovut ammont inqas minn dak deciz mill-Qorti jew jekk adirittura ma hu dovut xejn.

28. Il-Qorti tosserva li r-ricevuti annessi jirreferu kollha ghall-perjodu ta' qabel l-14 ta' Novembru 2014 u tenut kont li ma nghatat ebda raguni valida ghaliex ma kienux gew prezentati matul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqisx il-produzzjoni taghhom f'dan l-istadju hija gustifikata fil-ligi u ghalhekk ma hix ser taghtihom piz bhala prova.

29. Inoltre din il-Qorti tosserva li r-rizultanzi tal-ewwel Qorti u l-piz li ghazlet li taghti jew ma taghtix lill-provi mressqa quddiemha, huma konfortati mill-beneficcju li kellha li, apparti milli tezamina l-affidavits u d-dokumenti ezebiti tisma' wkoll xhieda *viva voce.* Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' ragunijiet validi li juru l-kuntrarju, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti.

30. Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma infondati u qed jigu michuda.

*Ir-raba' aggravju*

31. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti kellha l-obbligu u s-setgha li tqajjem minn rajha l-punt tal-kawza illecita ladarba l-Kooperattiva marret kontra l-ftehim li ghandha mal-Gvern. L-atturi wiegbu ghal dan l-

aggravju billi jghidu li, filwaqt li dan ma jirrizultax, kwalsiasi eccezzjoni li l-appellant seta' qajjem fir-rikors tal-appell tieghu li ma giex trattat quddiem l-ewwel Qorti ghandha tigi skartata.

32. In vena legali din il-Qorti tosserva li l-gurisprudenza patria identifikat is-segwenti principji rigwardanti l-punt tal-kawza illecita:

> "Il-qrati taghna dejjem irritenew li n-nullita` ta' kuntratt u konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt tista' tigi dedotta *per via* d'eccezzjoni u mhux mehtieg li, tigi dedotta b'azzjoni, u dana meta dik in-nullita` hija espressament stabbilita mil-ligi. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza ***"Elena Agius vs Giuseppe Ciancio"*** - deciza fit-3 ta' Frar 1936 hekk esprimiet ruhha:-
>
> "Il-kelma nullita` hija uzata fix-xjenza guridika f'zewg sensi, wiehed fis-sens proprju ta' "inezistenza", jigifieri kuntratt null ma jkunx jezisti u qiesu qatt ma sar, u l-iehor ta' "annullabilita`", jigifieri meta l-kuntratt jew att iehor jista' jezisti u jibqa' jsehh sakemm ma jigix imhassar u mwaqqa' ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi. Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-kwistjoni hija ta' nullita`, il-konvenut f'kawza jista' jqajjimha b'eccezzjoni, izda jekk hija wahda ta' annullabilita` hu ma jistax igibha 'l quddiem hlief b'kawza separata 'ad hoc'". Difatti huwa pacifiku li din in-nullita` tista' anke tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*.[23]
>
> "Illi kif diversi drabi gie deciz minn din il-Qorti u mill-Qorti tal-Appell (Ara ad es. sentenzi "**Reman-vs-Papa"** - 21 ta' Marzu 1933 ; **"Portanier-vs-Overend"** - 14 ta' Dicembru 1934; u **"Smith-vs-Lawrence"** - Qorti tal-Appell tal-15 ta' Mejju 1931;) "jekk il-kawza tal-hlas tal-flus jew tal-oggetti ghandha rapport dirett mal-konkubinat (aqra hawn "loghob illegali"), allura l-obbligazzjoni hija nulla; jekk il-flus gew mislufa fi zmien il-konkubinat, imma bhala negozju indipendenti, allura huwa validu. Pero`, kif il-gurisprudenza taghna kemm estera, u d-dottrina wkoll dejjem irriteniet, dina hija kwistjoni unikament ta' fatt illi ghandha tkun ezaminata mill-gudikant f'kull kaz specifiku skont ic-cirkustanzi ta' dak il-kaz, ghaliex f'materja hekk delikata dawn ic-cirkustanzi jistghu ikollhom importanza deciziva fil-kwistjoni. Hekk f'din il-materja l-**Venzi** (Diritto Civile, No. 423) jghid:-"In generale la causa e' illecita quando e' contraria alla legge, al

[23]Vol XLID.p.684( PA): fl-ismijiet **Charles Pace et –v. –Philip Agius et**.

buon costume, all'ordine pubblico, quando cio' si verifichi nei singoli casi e' rimesso al prudente apprezzamento del giudice". [Prim'Awla **Charles Bartolo vs Victor Chetcuti**, deciza 13 Gunju 2013][24].

33. Fil-mertu din il-Qorti tosserva li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenuti fl-aggravju taghhom u ghalkemm ma nghatatx eccezzjoni bazata fuq kawza illecita, l-ewwel Qorti xorta wahda trattat dan il-punt f'dik il-parti tas-sentenza fejn osservat:

"Il-fond in kwistjoni hu proprjeta` tal-Gvern u mikri ghand l-attrici. Mill-provi irrizulta li l-Gvern qatt ma ntalab jaghti l-kunsens tieghu ghall-kuntratt li iffirmaw il-kontendenti. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-kirja li ghandha l-attrici hi li:-

"16. Il-kerrej ma jistax icedi din il-kirja jew jissulloka l-fond, sew kollu kemm hu jew bicca minnu jew jidhol fi shubija dwar il-fond" (fol. 322).

"Il-Qorti temmen li qabel il-kontendenti iffirmaw il-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008, il-konvenuti kienu jafu li l-fond hu proprjeta` tal-Gvern,[25] li l-attrici tikri l-fond u li tezisti klawzola 16. Il-Qorti temmen li din kienet proprju r-raguni ghalfejn il-partijiet iddeskrivew il-ftehim bhala *Operation Agreement*.

"F'kull kaz kien fl-istadju qabel l-iffirmar tal-kuntratt li l-konvenuti messhom ghamlu l-accertamenti dwar jekk l-attrici setghetx taghmel il-kuntratt li iffirmaw fl-1 ta' Dicembru 2008. Jibqa' l-fatt ukoll li sal-lum m'hemmx prova li l-Gvern ha xi passi kontra l-kontendenti jew xi hadd minnhom"[26].

34. Fl-ewwel lok jigi osservat li mill-provi jirrizulta li l-kaz odjern ma jittrattax dwar nullita` ta' kuntratt, izda jittratta se mai dwar annullabbilita` tal-ftehim maghmul bejn il-partijiet. Ghalhekk ladarba ma rrizultax mill-

---

[24]Appell pendenti.
[25]Fi klawzola 16 tal-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2008 jinghad li l-fond m'huwiex proprjeta` tal-attrici.
[26]Sottolinear ta' din il-Qorti.

provi li l-gvern bhala proprjetarju tal-fond ha passi ghall-allegat ksur tal-ftehim bejnu u bejn l-atturi, il-ftehim jibqa' jgawdi validita` skont il-ligi. Ghalhekk fic-cirkostanzi tenut kont li ma hemmx kawza li tirrendi l-ftehim null u allura inezistenti, il-fattur ta' kawza illecita ma jikkonfigurax.

35. Barra minn hekk hija flokha l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li, ladarba gie ipprovat illi l-konvenuti kienu konxji li l-atturi ma kinux proprjetarji tal-fond in kwistjoni, kien jispetta lilhom ukoll illi jaghmlu l-verifiki taghhom jekk il-proprjetarju kienx akkonsentixxa ghal tali ftehim.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa ingustifikat u qed jigi respint.

*Is-seba' aggravju*

37. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma ssemmi xejn dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione materiae* skont klawsola 18 tal-ftehim. Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza preliminari moghtija mill-ewwel Qorti fit-18 ta' Settembru 2012, fejn gew decizi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, fosthom dik tal-inkompetenza *ratione materiae*. Dik is-sentenza, li permezz taghha l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-inkompetenza, ma sarx appell minnha u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

38. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies bhala infondat u qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi, tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u ghall-fini tal-perjodu ghall-izgumbrament ordnat mill-ewwel Qorti tordna li dan jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza; tordna li l-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi filwaqt li dawk tal-appell ikunu kollha a kariku tal-konvenuti; inoltre tordna l-isfilz tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell.

| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df